TRIBUNAL INDUSTRIJALI

DECIZJONI NRU. 321

KAZ NRU. 428

Fil-kwistjoni tax-xoghol

bejn

Is-Sur Joseph Grima

u

s-Sur Mario Nani f'ismu proprju u ghan-nom tad-ditta "Messrs Nani 1842"

dwar tkeccija mill-impieg allegata li hi ngusta.

KAZ NRU. 429

Fil-kwistjoni tax-xoghol

bejn

Is-Sur Victor Cilia

u

s-Sur Mario Nani f'ismu proprju u ghan-nom tad-ditta "Messrs Nani 1842"

dwar tkeccija mill-impieg allegata li hi ngusta.

Data . 18 ta' Novembru 1988

Chairman : Dr Richard Camilleri, LL.M. (Lond.) LL.D.

I PRELIMINARI

Il-Ministru, permess ta' ittri datati, t-23 ta' Frar 1987 fil-kaz ta' Joseph Grima u l-25 ta' Frar 1987 fil-kaz ta' Victor Cilia, irrefera dawn iz-zewg kazijiet ghad-decizjoni ta' dan it-Tribunal skond l-artikolu 28 (2) tal-Att XXX tal-1976 dwar Relazzjonijiet Industrijali.

L-appellanti kienu rapprezentati mis-Sur Noel Scerri waqt li l-appellant kien rapprezentant mis-Sur Robert Laurenti.

/.....

Il-partijiet qablu li dawn iz-zewg kazijiet ghandhom jigu ttrattati u decizi flimkien.

## II STATEMENTS OF CASE

L-appellat fl-istatement of case tieghu, ssottometta li Joseph Grima kien impjegat bhala "labourer" u Victor Cilia bhala "tachnician" ghal bosta snin; illi t-terminazzjoni tal-impieg saret b'konsultazzjoni mall-appellanti u mad-Dipartiment tax-Xoghol wara li fl-ahhar snin is-servicing department fejn kienu jahdmu l-appellanti kien qed jinzamm miftuh b'telf; illi t-telf kien dovut fil-kaz ta' l-appellant Grima li kien impjegat bhala "aerial installer" minhabba l-policy tal-Gvern rigward l-importazzjoni u distribuzzjoni tat-televisions u fil-kaz tal-appellant Cilia li kien impjegat bhala "technician" minhabba nuqqas ta' xoghol bhala konsegwenza tat-twaqqif ta' importazzjoni mill-Japan kif ukoll minhabba zvilupp modern fit-teknologija li hu ma kienx ippreparat ghalih u ma setghax ilahhaq mieghu.

L-appellanti fl-istatement of case taghhom qalu li wara li gew iddikjarati redundant sabu li dan mhuwiex minnu ghax fl-istess kapacita' gie mpjegat technician illi jaghmel ix-xoghol li qabel kien isir mill-appellant u illi d-ditta ma ottjenietx il-permess mehtieg mid-dipartiment koncernat ghat-tmiem tal-impieg.

L-appellat ghamel statement of case ulterjuri fejn issottometta illi minghajr pregudizzju ghar-raguni ewlenija ta' redundancy l-appellanti wrew nuqqassijiet kbar fil-qadi tad-doveri taghhom; ma kienux kwalifikati; il-volum tax-xoghol ma kienx jirrikjedi zamma ta' mpjegati full-time; l-appellanti rrifjutaw alternattiva ghax-xoghol.

/.....

L-appellanti rrispondew bi statement of case ulterjuri fejn issottomettew illi c-certifikati mahruga mid-ditta juru li mhux veru wrew nuqqasijiet fid-dover taghhom; illi Joseph Grima ma kienx jaghmel xoghol ta' repairs; illi l-alternattiva li giet offerta kienet inaccettabbli.

III PROVI

Bhala xhieda it-Tribunal sema' lill-partijiet, lis-Sur Joe Masini, lis-Sur Mario Zarb, lis-Sur John Zammit, lis-Sur Lino Cilia Debono, lis-Sur Charles Chetcuti u lis-Sur Anthony Desira.

Gew esebiti diversi dokumenti u cioe' : certifikat tat-temm ta' mpieg ta' Joseph Grima; certifikat tat-temm ta' mpieg ta' Victor Cilia; kopja ta' avviz tad-ditta Nani 1842 li deher fuq "The Times" is-Sibt, Dicembru 13, 1986; Job Sheet mahrug mid-ditta Nani 1842 lil J. Zammit; rendikont tal-workshop; kuntratti tax-xoghol ta' Victor Cilia u Joseph Grima mad-ditta Nani 1842; ittri tas-Sur Mario Nani lid-Dipartiment tax-Xoghol u acknowledgement mid-Dipartiment; certifikat datat 16 t'Awissu 1974.

Mill-kumpless tal-provi jirrizulta li l-fatti saljenti mertu ta' dan il-kaz huma:

1. L-appellant Victor Cilia kien impjegat bhala technician u l-impieg tieghu gie terminat fid-29 ta' Settembru 1986.

2. L-appellant Joseph Grima kien impjegat bhala labourer u l-impieg tieghu gie terminat fid-29 ta' Settembru 1986. Jirrizulta wkoll illi x-xoghol principali tas-Sur Grima kien bhala aerial installer u kien ighin ukoll f'xi riparazzjonijiet fil-workshop. Kien jaghmel ukoll xoghol iehor bhal tindif u deliveries. Jidher pero' li x-xoghol principali tieghu aktar kellu x'jaqsam mall-workshop u stallazzjoni ta' aerials milli mal-hanut tad-ditta appellata. Dan jirrizulta mix-xhieda tal-istess appellanti u tal-appellat.

/.....

3. Mario Zarb li kompla jaghmel ix-xoghol ta' riparazzjoni fil-workshop tal-appellat wara li gie terminat l-impieg tal-appellanti ma giex impjegat mill-appellat. Dan Zarb jahdem il-Libya bis-sistema ta' erba' gimghat xoghol b'vacation leave ta' bejn tnejn jew erba' gimghat bejn il-perjodi tax-xoghol. Fil-vacation leave jahdem fil-workshop tal-appellat bl-arrangament illi hu ma jiehu l-ebda remunerazzjoni minn ghand l-appellat u jithallas hu personalment ghax-xoghol ta' riparazzjoni li jaghmel. Hu ghandu l-uzu tal-workshop bil-patt illi x-xoghol tad-ditta appellata li hu taht garanzija jinhadem b'xejn. B'dan l-arrangament id-ditta appellata setghet tibqa' toffri s-servizz ta' riparazzjoni. Fil-fatt jidher li l-gheruq ta' dan il-kaz gew ikkrejati minhabba s-suspett li kellhom l-appellanti li gie mpjegat haddiehor minflokhom. Pero', l-arrangament fuq imsemmi jirrizulta mix-xhieda ta' Mario Zarb u anke mill-investigazzjoni li saret minn inspector tad-Dipartiment tax-Xoghol. Zarb kien ikkonferma dan l-arrangament anke meta kellmu l-inspector ghall-gharrieda fil-Workshop (ara xhieda tas-Sur Anthony Desira). Inoltre mix-xhieda kemm tal-appellanti kif ukoll ta' Joe Masini jidher li l-appellat offra l-istess arrangament lil dawn in-nies.

4. Id-ditta appellata kienet ghal ftit snin qabel it-terminazzjoni tal-impieg tiffaccja diffikultajiet minhabba t-twaqqif ta' mportazzjoni mill-Gappun kif ukoll il-kontroll fis-sistema ta' mportazzjoni u distribuzzjoni ta' televisions bil-kulur. Dan fisser li ma kienx hemm hafna xoghol ta' riparazzjonijiet u l-workshop kien qed jitmexxa b'telf u l-anqas ma kien hemm aerial installations. Dan jirrizulta mix-xhieda tal-appellanti, tal-appellat, ta' Joe Masini, mir-rendikont tal-workshop, mix-xhieda ta' ufficcjali mid-Dipartiment tax-Xoghol u mill-korrispondenza mal-istess dipartiment.

5. Ghalkemm id-ditta appellata kienet ilha b'kuntatt mad-Dipartiment ma kellhiex permess bil-miktub mid-Dipartiment tax-Xoghol biex tittermina l-impieg tal-appellanti. Dan

/.....

jammettih l-appellat stess. Il-policy tad-Dipartiment kien li ma johorgux permessi hlief f'kazijiet eccezzjonali u fejn il-kaz kien irrizulta li hu genwin id-Dipartiment kien jaghlaq ghajnejh. Dan jirrizulta mix-xhieda tas-Sur Cilia Debono, id-Direttur tad-Dipartiment tax-Xoghol.

6. Ghalkemm kien hemm xi nuqqasijiet zghar da parti tal-appellanti dawn ma kienux serji hafna.L-appellat qatt ma hareg "warning" lill-appellanti dwar l-imgieba taghhom. Dan ammettih l-appellat stess.

## IV SOTTOMISSJONIJIET FINALI

L-appellat, fis-sottomissjonijiet finali tieghu, qed isostni li ma setax izomm taht l-ebda cirkostanza l-appellanti fl-impieg taghhom. L-appellanti gew dikjarati redundant minhabba nuqqas ta' xoghol sufficjenti biex jigu koperti l-pagi taghhom u "overheads" ohra. Dawn ic-cirkostanzi kienu cari anke ghall-appellanti li kienu jzommu r-records tal-workshop u anke ghaliex l-appellat gieli kellimhom fuq is-sitwazzjoni. Qed isostni wkoll li hu mexa skond il-proceduri u skond kif gie nfurmat mill-Labour Office. L-appellat biex ma jikkawzax "hardship" offra l-"workshop" lill-appellanti li rrifjutawh ghax kif qalu huma stess "ma setghux jaqalghu x'jieklu minn hemm." L-appellat tahom l-opportunita' biex ifittxu x-xoghol waqt li kienu fuq "notice" bi hlas. L-appellat zamm il-workshop miftuh billi uza part-timer fuq bazi ta' self-employed. Fl-ahhar nett it-terminazzjoni tal-impieg hija gustifikata minhabba nuqqas ta' kwalifikazzjoni, esperjenza u kapacita'; uzu tal-vann u ghodda tad-ditta ghal bzonnijiet privati; xoghol li suppost gie mitlub mid-ditta maghmul privatament wara l-hinijiet tax-xoghol, rrapurtar tard ta' spiss.

/.....

L-appellanti, fis-sottomissjonijiet finali taghhom qed isostnu li hareg bl-aktar mod car illi redundancy ma kenitx tezisti u d-ditta l-anqas segwiet id-direttivi dipartimentali dak iz-zmien in vigore biex tiddikjara haddiem redundant. Il-fatt li l-appellat jghid li ghamel dak kollu li gie mitlub mid-Dipartiment ma joffri ebda difiza. L-appellat kellhu jgib awtorizazzjoni bil-miktub mid-dipartiment u dan ma sarx. L-argumenti l-ohra migjuba mill-appellat huma semplici hlejjaq tal-imaginazzjoni, izda anke jekk huma vera ma jimmeritawx tkeccija u l-anqas huma sostanzjati.

## V KONSIDERAZZJONIJIET

L-appellat qed isostni illi hu temm l-impieg tal-appellanti minhabba redundancy. Qed isostni wkoll, illi, minghajr pregudizzju, f'kaz li ma jirrizultax redundancy hu temm l-impieg tal-appellant ghal raguni xierqa skond ma trid il-ligi.

It-Tribunal ser jibda billi jikkonsidra r-"redundancy". L-appellanti qed isostnu illi mhuwiex minnu li kien hemm cirkostanzi genwini ghal "redundancy" u inoltre illi l-appellat ma segwiex dak li kien rikjest mill-ligi sabiex jittermina l-impieg ghal ragunijiet ta' "redundancy".

Il-ligi taghna ma tipprovdi l-ebda definizzjoni ta' "redundancy". L-artikolu 2 tar-rakomandazzjoni 119 tal-I.L.O. fuq "Termination of Employment" jiddefinixxi "redundancy" bhala "a superfluity caused in view of the operational requirements of the undertaking." It-Tribunal fic-cirkostanzi tal-kaz ihossu konvint li r-redundancy kien wiehed genwin. L-appellat kien ghal snin qed jaghmel telf mill-workshop u kien anke informa b'dan lill-appellanti. L-appellanti stess ammettew li x-xoghol kien naqas konsiderevolment. L-appellat kien informa wkoll lid-dipartiment koncernat bil-problema tieghu.

/.....

Ipprova jsolvi d-diffikultajiet tieghu. Imbaghad offra lill-appellanti li jibdew imexxu l-workshop huma, cioe' jehduha f' idejhom. L-appellat fic-cirkostanzi hass li ma kellu l-ebda alternattiva; ma setax izomm il-workshop ghaddej kif kien u l-anqas ma seta' jzomm lill-appellant Grima li kien ighin fil-workshop, jaghmel l-aerial installations u jaghmel xi deliveries.

Pero',ghalkemm ir-"redundancy" kien genwin, it-terminazzjoni tal-impieg tal-appellanti sar bi ksur tal-artikolu 25 sub-artikolu 15 (li kien vigenti dak iz-zmien ghalkemm illum m' ghadux vigenti) tal-Att tal-1952 li jirregola l-Kondizzjonijiet tal-Impieg (CERA). Dan l-artikolu jirrikjedi li biex jigi terminat l-impieg ta' haddiem, il-principal ghandu jottjeni l-permess <u>bil-miktub</u> mid-Direttur tax-Xoghol. Jirrizulta car li dan il-permess ma nghatax. It-Tribunal jissimpatizza mall-appellat fis-sens li hu pprova kemm jista' jkun jimxi korrett billi ghamel kuntatti ta' spiss mad-Dipartiment. Pero', l-kliem tal-ligi li kien vigenti dak iz-zmien huma cari daqs il-kristall.

Jibqa' biss li jigi ezaminat jekk l-appellat kellux raguni xierqa biex jittermina l-impieg tal-appellanti. Jidher li tul is-snin twal ta' servizz tal-appellanti, l-appellat kien kuntent bix-xoghol taghhom. Kien forsi jilmenta fuq xi nuqqasijiet zghar pero' m'hemm l-ebda prova ta' nuqqasijiet serji. Infatti, tul snin twal ta' servizz l-appellat jidher li ma hassx il-htiega li johrog xi warning.

Ghaldaqstant, it-Tribunal ihoss li t-terminazzjoni tal-impieg tal-appellanti ma saritx ghal raguni skond kif trid il-ligi.

## <u>VI KUMPENS</u>

Wara li kkunsidra c-cirkostanzi kollha tal-kaz, inkluz il-fatt li t-tkeccija tal-appellanti hija ngusta semplicement minhabba teknikalita' u cioe' ghaliex ma giex ottenut permess

/.....

bil-miktub, it-Tribunal jillikwida l-kumpens dovut ghal kull wiehed mill-appellanti fl-ammont ta' mija u ghoxrin lira (LM120).

VII DECIZJONI

Ghal dawn ir-ragunijiet it-Tribunal jiddeciedi li t-terminazzjoni mill-impieg tal-appellanti kienet ingusta, tillikwida l-kumpens dovut ghal kull wiehed mill-appellanti fl-ammont ta' mija u ghoxrin lira (LM120) u tordna lill-appellat biex ihallas din is-somma lil kull wiehed mill-appellanti fi zmien xahar m'illum.

Ghall-finijiet tar-Regolamenti ta' l-1986 dwar Drittijiet li jithallsu (A.L. 48 ta' l-1986) maghmula taht l-Att ta' l-1976 dwar Relazzjonijiet Industrijali t-Tribunal qed jintaxxa d-drittijiet ghal kull wiehed mir-rapprezentanti tal-partijiet fis-somma ta' erbghin lira (LM40).

B'hekk tintemm din il-kwistjoni tax-xoghol.

RICHARD CAMILLERI
Chairman

ALDO TESTONE
Segretarju

em